

Brussell, 18 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

14222/1/20  
REV 1

CLIMA 363  
ONU 92

## EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14005/20
Suġġett:	Prezentazzoni lill-UNFCCC f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar l-aġġornament tal-kontribut determinat fil-livell nazzjonali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Prezentazzoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvata mill-Kunsill fit-3782 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Diċembru 2020.

**PREŻENTAZZJONI MILL-ĠERMANJA U L-KUMMISSJONI EWROPEA F'ISEM L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA**

Berlin, 17 ta' Diċembru 2020

**Suġġett: L-aġġornament tal-kontribut determinat fil-livell nazzjonali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha**

Din il-preżentazzjoni fiha tliet partijiet: Introduzzjoni, il-Kontribut Determinat fil-Livell Nazzjonali (NDC) aġġornat u msaħħaħ u l-Infurmazzjoni mogħtija biex tiffaċilita ċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim (ICTU) tal-NDC.

**I. INTRODUZZJONI**

*Infurmazzjoni ġenerali dwar l-iżvilupp tal-NDC imsaħħaħ tal-UE*

1. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ppreżentaw il-kontribut maħsub stabbilit fil-livell nazzjonali (INDC) tagħhom fis-6 ta' Marzu 2015, flimkien ma' annex b'infurmazzjoni kwantifikabbli u kwalitattiva dwar l-INDC, f'konformità mad-deċiżjonijiet meħuda fl-għoxrin sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP) f'Lima.
2. L-INDC tal-UE sar l-NDC tagħha meta l-UE rratifikat il-Ftehim ta' Pariġi f'Ottubru 2016.
3. F'Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew (il-kapijiet ta' stat jew ta' gvern tal-Istati Membri tal-UE, il-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kummissjoni Ewropea) approva l-oġġettiv li tinkiseb UE b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi<sup>1</sup>. Fil-5 ta' Marzu 2020, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta strategġija fit-tul għall-iżvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, li tirrifletti dan l-oġġettiv tan-newtralità klimatika u ppreżentaha lis-Segretarjat tal-UNFCCC<sup>2</sup>.

<sup>1</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019, EUCO 29/19

<sup>2</sup> L-istrategġija fit-tul tal-UE, li tirrifletti l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, tinsab fis-sit web tal-UNFCCC: <https://unfccc.int/process/the-paris-agreement/long-term-strategies>

4. F'Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew qabel li "n-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali minħabba l-kriżi tal-COVID-19 teħtieġ miżuri eċċezzjonali biex jiġu appoġġati l-irkupru u r-reżiljenza tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Il-pjan għall-irkupru Ewropew ser ikun jeħtieġ investiment pubbliku u privat massiv fil-livell Ewropew biex l-Unjoni titqiegħed bis-sod fuq il-perkors lejn irkupru sostenibbli u reżiljenti, bil-ħolqien ta' impjiegi u bit-tiswija tal-ħsara immedjata li gābet magħha l-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li jingħata appoġġ għall-prijoritajiet ekoloġiċi u diġitali tal-Unjoni."<sup>3</sup>
5. Fl-istess laqgħa, il-mexxejja tal-UE qablu li l-baġit tal-UE (il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 (QFP)), imsaħħaħ bi strument tal-Unjoni Ewropea għall-irkupru magħruf bħala Next Generation EU (NGEU), ser ikun l-għodda Ewropea ewlenija għal dan l-isforz. "L-azzjoni klimatika ser tiġi integrata fil-politiki u l-programmi ffinanzjati taħt il-QFP u l-NGEU. Mira klimatika kumplessiva ta' 30 % ser tapplika għall-ammont totali ta' nfiq mill-QFP u l-NGEU u ser tkun riflessa fmiri xierqa fil-leġiżlazzjoni settorjali. Dawn għandhom jikkonformaw mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 u jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ġodda tal-Unjoni għall-2030, li ser jiġu aġġornati sal-aħħar tas-sena. Bħala prinċipju ġenerali, l-infiq kollu tal-UE jenħtieġ li jkun konsistenti mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi."<sup>3</sup>
6. Il-mexxejja tal-UE qablu wkoll li "l-infiq tal-UE jenħtieġ li jkun konsistenti [...] mal-prinċipju ta' 'tagħmel l-ebda ħsara' tal-Ftehim Ekoloġiku Ewropew. Metodoloġija effettiva għall-monitoraġġ tal-infiq fuq il-klima u l-prestazzjoni tiegħu, inkluż rapportar u miżuri rilevanti fil-każ ta' progress insuffiċjenti, għandha tiżgura li l-QFP li jmiss fl-intier tiegħu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena dwar l-infiq għall-klima."<sup>3</sup>

---

<sup>3</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020, EUCO 10/20

7. Il-mexxejja tal-UE qablu wkoll li "sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-obiettiv tal-ilħuq tan-newtralità klimatika sal-2050 u l-mira klimatika l-ġdida tal-Unjoni għall-2030, ser jinħoloq Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, li jinkludi Fond għal Tranżizzjoni Ġusta."<sup>3</sup>
8. F'dan il-kuntest, fil-11 ta' Diċembru 2020 il-Kunsill Ewropew approva mira ġdida klimatika tal-UE għall-2030 li hija ferm aktar ambizzjuża.
9. Wara l-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, u l-Perijodu ta' Tranżizzjoni li ser jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju Unit mhux ser jibqa' jagħmel parti mill-NDC tal-Unjoni Ewropea minn dik id-data. Filwaqt li l-preżentazzjoni oriġinali tal-NDC tal-UE kienet applikabbli wkoll għar-Renju Unit, dan l-aġġornament huwa applikabbli għall-UE u s-27 Stat Membru tagħha.
10. B'din il-preżentazzjoni, l-UE taġġorna u ssaħħa l-NDC tagħha biżżejjed żmien qabel il-COP26, u fl-istess ħin tfejji għall-implimentazzjoni tal-pjan tagħha *Next Generation EU* għal irkupru sostenibbli u reżiljenti mill-kriżi tal-COVID-19. Azzjoni klimatika ambizzjuża mhijiex biss mod kif jiġu indirizzati l-kriżi klimatika u l-kriżi tal-bijodiversità, iżda hija wkoll strateġija ta' tkabbir li hija strateġija rebbieħa, mhux biss għall-Ewropa nnifisha iżda wkoll globalment. Kif enfasizza l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jaqdu rwol importanti biex isolvu l-isfidi globali bħalma huma t-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi, il-faqar, il-ġuħ, is-saħħa, l-iskarsezza tal-ilma u n-nixfa, l-inugwaljanza bejn is-sessi, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u t-tibdil fil-klima<sup>4</sup>.

---

<sup>4</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2019, 15272/19

*Informazzjoni dwar kif l-UE ħadet azzjoni biex timplimenta l-NDC inizjali tagħha minn meta rratifikat il-Ftehim ta' Pariġi*

11. Minn mindu rratifikat il-Ftehim ta' Pariġi, l-UE daħħlet fis-seħħ qafas leġiżlattiv ambizzjuż, vinkolanti biex twettaq l-NDC inizjali tagħha. L-effetti magħduda flimkien tal-politiki tal-UE attwalment fis-seħħ skont dan il-qafas ser iwasslu mill-anqas għat-tnaqqis imwiegħed fl-NDC inizjali tal-UE.
12. Il-politiki domestiċi ewlenin adottati mir-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi huma miġbura fil-qosor fil-paragrafi li ġejjin. Aktar dettalji dwar il-politiki rilevanti għall-implimentazzjoni tal-NDC huma pprovduti fl-ICTU li tinsab fl-anness għal din il-preżentazzjoni.
13. Dawn il-politiki ġew rieżaminati fid-dawl tal-NDC imsaħħaħ li jinsab fit-Taqsima II, u l-ICTU ser tiġi riveduta kif meħtieġ.
14. Il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE huma maqsuma bejn is-setturi koperti mill-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS), is-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR), u l-emissjonijiet u l-assorbimenti relatati mal-użu tal-art indirizzati mir-regolament dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF).
15. L-EU ETS, li ilha topera mill-2005, tpoġġi prezz fuq il-karbonju billi tistabbilixxi limitu fuq l-għadd massimu ta' kwoti tal-emissjonijiet. Filwaqt li l-maġġoranza tal-kwoti tal-emissjonijiet jiġu rkantati, is-setturi f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jirċievu sehem mill-kwoti tagħhom mingħajr ħlas, abbażi ta' parametri referenzjarji li jippremjaw l-aktar installazzjonijiet effiċjenti f'kull settur.

16. Biex l-NDC inizjali tagħha jħalli rizzultat, l-UE rrieżaminat u emendat il-leġiżlazzjoni tagħha rigward l-EU ETS<sup>5</sup>. Dan ser jaċċelera t-tnaqqis annwali fil-limitu massimu minn 1.74 % għal 2.2 % mill-2021 'il quddiem u ser japplika wkoll fir-rigward tal-avjazzjoni. Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq ġdida fl-ETS qed tindirizza kwalunkwe akkumulazzjoni ta' bilanċ pożittiv li jista' jdgħajjef il-funzjonament b'mod ordnat tas-suq tal-EU ETS, u mill-2023, il-kwoti miżmuma fir-riżerva 'l fuq minn ċertu livell ma għandhomx jibqgħu validi.
17. Skont l-ESR, l-UE qablet dwar leġiżlazzjoni li tistabbilixxi miri vinkolanti individwali għall-Istati Membri għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra mhux koperti mill-EU ETS<sup>6</sup>. Il-miri huma differenzjati sabiex jindirizzaw il-ġustizzja u jqisu l-kosteffiċjenza.
18. L-emissjonijiet mill-avjazzjoni bħalissa huma indirizzati mil-leġiżlazzjoni tal-UE u ser jiġu indirizzati parzjalment permezz ta' miżuri internazzjonali skont l-ICAO. L-emissjonijiet mill-avjazzjoni huma inklużi fl-EU ETS; madankollu, attwalment, il-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS huwa limitat għat-titjiriet fiż-Żona Ekonomika Ewropea.
19. L-UE adottat ukoll regolament ġdid dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra mil-LULUCF<sup>7</sup> li jistabbilixxi impenn vinkolanti għal kull Stat Membru biex jiżgura li l-emissjonijiet kontabilizzati mill-użu tal-art jiġu kkompensati bħala minimu minn assorbiment ekwivalenti kontabilizzati ta' CO<sub>2</sub> mill-atmosfera permezz ta' azzjoni fis-settur.

---

<sup>5</sup> Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814

<sup>6</sup> Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013

<sup>7</sup> Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE

20. Barra minn hekk, intlaħaq qbil dwar miri ambizzjużi għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u għal żieda tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tal-UE. L-effiċjenza fil-konsum finali u ta' enerġija primarja tal-UE ser tittejjeb b'mill-inqas 32.5 % sal-2030 meta mqabbla ma' xenarju ta' referenza storiku<sup>8</sup>. Ġiet stabbilita mira ġdida għaż-żieda fl-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija li għandha tilħaq mill-anqas 32 % sal-2030<sup>9</sup>, li ser tirrappreżenta kważi d-doppju tal-livelli tal-2017<sup>10</sup>. Dawn il-miri jwasslu għal aktar tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn dak previst qabel.
21. Miri vinkolanti ġodda ser inaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mit-trasport bit-triq. L-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għal kull kilometru mill-karozzi tal-passiġġieri mibjugħa fl-UE għandhom jitnaqqsu, bħala medja sal-2030 b'37.5 % mil-livelli tal-2021, u l-vannijiet il-ġodda bħala medja sal-2030 b'31 % mil-livelli tal-2021<sup>11</sup>. L-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għal kull kilometru minn trakkijiet kbar ġodda għandhom jitnaqqsu b'medja ta' 30 % mil-livelli tal-perijodu ta' referenza 2019/2020. Bħala parti minn reviżjoni li ordnata ssir fl-2022, il-miri jistgħu jiġu riveduti u/jew estiżi għal trakkijiet iżgħar, karozzi tal-linja, coaches u karrijiet<sup>12</sup>.

---

<sup>8</sup> Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija

<sup>9</sup> Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

<sup>10</sup> Fl-2017, l-UE laħqet sehem ta' 17.52 % tal-enerġija rinnovabbli skont ir-Rapport ta' Progress dwar l-Enerġija Rinnovabbli tal-2019 tal-Kummissjoni Ewropea (COM (2019) 225 final)

<sup>11</sup> Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011.

<sup>12</sup> Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE

22. Sar ukoll progress biex l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mhux CO<sub>2</sub> komplew jitnaqqsu. Il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart ġiet rieżaminata, il-miri għar-rimi fil-landfills u għar-riċiklaġġ saru aktar stretti u ċ-ċirkolarità tal-ekonomija tal-UE żdiedet<sup>13</sup>. Il-produzzjoni u l-konsum tal-UE tal-karburanti fossili ser ikomplu jonqsu, bir-riżultat ta' anqas emissjonijiet li jaħarbu ta' gassijiet mhux CO<sub>2</sub> assoċjati magħhom.
23. Fl-2015, bi thejjiġa għall-implimentazzjoni tal-Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, l-UE daħħlet fis-seħħ regolamenti li ser inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'66 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-2014. Dan jinkiseb billi jiġi limitat il-bejgħ totali tal-gassijiet fluworurati l-aktar importanti, jiġi pprojbit l-użu ta' gassijiet fluworurati f'ħafna tipi ġodda ta' tagħmir, u jiġu evitati l-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati minn tagħmir eżistenti<sup>14</sup>.
24. Ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika<sup>15</sup> jtejjeb il-governanza tal-politika klimatika u dik tal-enerġija tal-UE billi jistabbilixxi qafas affidabbli għar-rappurtar u l-monitoraġġ mal-UE kollha għall-perijodu mill-2021 sal-2030. L-Istati Membri ħejjew Pjanijiet Nazzjonali Integrati għall-Enerġija u l-Klima għall-perijodu mill-2021 sal-2030 li jinkludu l-kontributi nazzjonali tagħhom biex jintlaħqu l-miri klimatiċi u tal-enerġija magħduda flimkien kif ukoll l-impenji relatati skont il-Ftehim ta' Pariġi.

---

<sup>13</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/850, id-Direttiva (UE) 2018/851, id-Direttiva (UE) 2018/852, li jirrikjedu pereżempju li sal-2030, 70 % tal-iskart kollu mill-imballaġġ u, sal-2035, 65 % tal-iskart municijali għandu jiġi riċiklat, filwaqt li r-rimi tal-iskart municijali f'landfills jitnaqqas għal 10 %.

<sup>14</sup>Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006

<sup>15</sup> Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

25. Flimkien, dawn il-politiki ser iwasslu għal tnaqqis ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990<sup>16</sup>.
26. Il-Kunsill Ewropew, fil-11 ta' Diċembru 2020, stieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta kif is-setturi ekonomiċi kollha jistgħu jikkontribwixxu bl-aħjar mod għall-mira tal-2030 u biex tagħmel il-proposti meħtieġa. Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, fl-2021 il-Kummissjoni Ewropea ser tippreżenta wkoll Strateġija ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima.

## **II. KONTRIBUT STABILIT FIL-LIVELL NAZZJONALI (NDC)**

27. L-UE u l-Istati Membri tagħha jixtiequ jħabbru l-NDC li ġej. L-UE u l-Istati Membri tagħha, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt, huma impenjati għal mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbla mal-1990. Dan l-NDC u l-informazzjoni li takkumpanjah li jinsabu fl-Anness jissostitwixxu l-preżentazzjoni tat-6 ta' Marzu 2015 tal-UE u l-Istati Membri tagħha li tinsab fir-reġistru interim tal-NDCs tal-UNFCCC u, mid-data tal-wasla ta' din il-preżentazzjoni għand is-Segretarjat, ser titqies bħala l-NDC attwali miżmum mill-UE u l-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Pariġi.

## **III. INFORMAZZJONI MEĦTIEĠA GĦAĊ-ĊAREZZA, IT-TRASPARENZA U L-FEHIM (ICTU) TAL-NDC TAL-UE**

28. Fl-2018, f'Katowice, fil-konklużjoni tal-ewwel sessjoni tal-COP li serviet bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi (CMA1), il-Partijiet adottaw gwida dwar l-informazzjoni meħtieġa għaċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim kif applikabbli għall-NDCs tagħhom, u ħeġġew bil-qawwa lill-Partijiet biex jipprovdu din l-informazzjoni fir-rigward tal-ewwel NDC tagħhom, inkluż meta jaġġornawh jew iħabbru sal-2020.

---

<sup>16</sup> Valutazzjoni madwar l-UE kollha tal-Pjanijiet Nazżjonali għall-Enerġija u l-Klima. Il-Kummissjoni Ewropea COM(2020) 564

29. L-Anness għal din il-preżentazzjoni jaġġorna l-informazzjoni pprovduta mill-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien mal-INDC tagħha. Jiddeskrivi l-politiki tal-UE li ġew miftiehma mir-ratifika tal-UE tal-Ftehim ta' Pariġi 'l quddiem u li huma fis-seħħ fiż-żmien ta' din il-preżentazzjoni. Din l-informazzjoni ser tiġi riveduta fid-dawl tal-NDC imsaħħaħ li jinsab fit-Taqsima II, u l-politiki sussegwenti tal-UE adottati biex jitwettaq dak l-NDC.
-

**INFORMAZZJONI LI TIFFAĊILITA Ċ-ĊAREZZA, IT-TRASPARENZA U L-FEHIM TAL-KONTRIBUT STABBILIT FIL-LIVELL NAZZJONALI (NDC) AĠĠORNAT TAL-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA GĦALL-PERIJODU 2021-2030**

**Informazzjoni meħtieġa għaċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim tal-NDC tal-UE**

Parag Gwida pprovduta mis-CMA 1  
rafu

ICTU applikabbli għall-NDC tal-UE

**1 Informazzjoni kwantifikabbli dwar il-punt ta' referenza (inkluż, kif xieraq, sena bażi):**

(a)	Sena/snin ta' referenza, sena/snin bażi, perijodu/i ta' referenza jew punt(i) tat-tluq oħra;	1990
(b)	Informazzjoni kwantifikabbli dwar l-indikaturi ta' referenza, il-valuri tagħhom fis-sena/snin ta' referenza, sena/snin bażi, perijodu/i ta' referenza jew punt(i) tat-tluq oħra, u, kif applikabbli, fis-sena fil-mira;	Il-kwantifikazzjoni tal-indikatur ta' referenza ser tkun ibbażata fuq it-totali nazzjonali rrapportati fir-Rapport tal-Inventarju Nazzjonali mill-Unjoni Ewropea, u tista' tiġi aġġornata minħabba titjib metodoloġiku għall-inventarju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG).
(c)	Għall-istrateġiji, il-pjanijiet u l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4, paragrafu 6, tal-Ftehim ta' Pariġi, jew il-politiki u l-miżuri bħala komponenti ta' kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali fejn mhux applikabbli l-paragrafu 1(b) ta' hawn fuq, il-Partijiet għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti oħra;	Mhux applikabbli
(d)	Il-mira relattiva għall-indikatur ta' referenza, espressa numerikament, pereżempju f'perċentwal jew ammont ta' tnaqqis;	Tnaqqis domestiku nett fl-ekonomija kollha ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990.
(e)	Informazzjoni dwar is-sorsi tad-data użata fil-kwantifikazzjoni tal-punt(i) ta' referenza;	Il-kwantifikazzjoni tal-indikatur ta' referenza ser tkun ibbażata fuq id-data rrapportata fir-Rapport tal-Inventarju Nazzjonali mill-Unjoni Ewropea.
(f)	Informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi li fihom il-Parti tista' taġġorna l-valuri tal-indikaturi ta' referenza.	Il-valuri jistgħu jiġu aġġornati minħabba titjib metodoloġiku fl-inventarju tal-GHG.

**Perijodi u/jew perijodi għall-implimentazzjoni:**

- (a) Perijodu u/jew perijodu għall-implimentazzjoni, inkluż data tal-bidu u tat-tmiem, konsistenti ma' kwalunkwe deċiżjoni rilevanti oħra adottata mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi (CMA); Mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030
- (b) Jekk hijiex mira ta' sena waħda jew pluriennali, kif japplika. Mira ta' sena waħda, 2030

**3 Kamp ta' applikazzjoni u kopertura:**

- (a) Deskrizzjoni ġenerali tal-mira;
- Il-mira hija tnaqqis nett fl-ekonomija kollha mill-emissjonijiet tas-sena bażi, ta' mill-inqas 55 % ta' gassijiet serra mingħajr kontribut minn krediti internazzjonali.
- L-ambitu ġeografiku: L-UE u l-Istati Membri tagħha (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja)<sup>1</sup>
- L-informazzjoni li ġejja f'din it-taqsimha hija soġġetta għal reviżjoni fid-dawl tal-mira msaħħa. Il-leġiżlazzjoni adottata mill-UE sal-lum tistabbilixxi kif l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu responsabbli biex jiksibu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 40 % fis-setturi differenti kollha tal-ekonomija. Din il-leġiżlazzjoni tinkludi:
- Id-Direttiva (UE) 2003/87/KE kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2018/410 dwar it-tnaqqis li għandu jinkiseb fis-setturi koperti mill-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet;
- Ir-Regolament (UE) 2018/842 rigward miri vinkolanti individwali għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Istati Membri li jaqgħu barra mill-ambitu tal-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet;
- Ir-Regolament (UE) 2018/841 dwar l-inklużjoni u l-kontabilizzazzjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu

<sup>1</sup> Inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE (Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Mayotte, Reunion, Saint Martin (Franza), il-Gżejjer Kanarji (Spanja), l-Azores u Madeira (il-Portugall))

tal-art u l-forestrija fil-qafas tal-UE.

Leġislazzjoni addizzjonali u miżuri ta' mitigazzjoni, fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri, jikkontribwixxu għat-tnaqqis meħtieġ biex tintlaħaq din il-mira. Eżempji fil-livell tal-UE jingħataw fit-taqsimha 4 a i (arranġamenti istituzzjonali domestiċi).

(b) Is-setturi, il-gassijiet, il-kategoriji u r-raggruppamenti koperti mill-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali, inkluż, kif applikabbli, b'mod konsistenti mal-linji gwida tal-Grupp Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC);

Aktar dettalji ser jingħataw f'konformità mal-linji gwida tal-IPCC fir-Rapporti Biennali dwar it-Trasparenza mill-Unjoni Ewropea,

**Setturi koperti:**

Enerġija

Skont l-NDC inizjali, l-avjazzjoni ċivili hija inkluża, ikkalkolata inkluż l-emissjonijiet minn titjiriet 'il barra li jibdeu fl-UE, abbażi ta' fjuwils mibjugħa fl-UE. Din l-informazzjoni hija soġġetta għal reviżjoni fid-dawl tal-mira msaħħa.

Taħt l-NDC inizjali, in-navigazzjoni domestika fuq l-ilma hija inkluża bħal fl-inventarji tal-GHG. Din l-informazzjoni hija soġġetta għal reviżjoni fid-dawl tal-mira msaħħa.

Sottosetturi oħra tal-enerġija huma koperti bħal fl-inventorji tal-GHG

Proċessi industrijali u użu tal-prodott (bħal fl-inventorji tal-GHG)

Agrikoltura (bħal fl-inventorji tal-GHG)

Skart (bħal fl-inventorji tal-GHG)

Użu tal-Art, Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF) (ara t-Taqsimha 5e għal aktar informazzjoni dwar dan is-settur)

**Gassijiet:**

Diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>)

Metan (CH<sub>4</sub>)

Ossidu nitruż (N<sub>2</sub>O)

Idrofluworokarburi (HFCs)  
Perfluworokarburi (PFCs)  
Eżafluworur tal-kubrit (SF<sub>6</sub>)  
Trifluworur tan-nitroġenu (NF<sub>3</sub>)

- |     |   |  |
|-----|---|--|
| (c) | Kif il-Parti tkun qieset il-paragrafu 31(c) u (d) tad-deċiżjoni 1/CP.21; (filwaqt li jiġi indikat kif il-Parti tkun qed tistinka biex tinkludi s-sorsi u l-bjar kollha, u għaliex xi kategorija tkun eskluża)   | Peress li l-NDC tal-UE huwa mifrux mal-ekonomija kollha, huwa f'konformità ma' din id-dispożizzjoni. |
| (d) | Il-kobenefiċċji ta' mitigazzjoni li jirriżultaw mill-azzjonijiet ta' adattament tal-Partijiet u/jew il-pjanijiet ta' diversifikazzjoni ekonomika, inkluż deskrizzjoni ta' proġetti, miżuri u inizjattivi speċifiċi tal-azzjonijiet ta' adattament tal-Partijiet u/jew il-pjanijiet ta' diversifikazzjoni ekonomika. | Mhux Applikabbli   |

#### 4 Proċess tal-ippjanar:

- |     |   |   |
|-----|---|---|
| (a) | Informazzjoni dwar il-proċessi tal-ippjanar li l-Parti wettqet biex tfejji l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha, u, jekk disponibbli, dwar il-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-Parti, inkluż, kif xieraq: | Il-mira msaħħa hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt estensiva <sup>2</sup> , kif ukoll il-kontributi tal-partijiet ikkonċernati, miġbura permezz ta' konsultazzjoni pubblika <sup>3</sup> .   |
| (i) | Arranġamenti istituzzjonali domestiċi, parteċipazzjoni pubblika u involviment mal-komunitajiet lokali u l-popli indiġeni, b'mod reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru;  | Il-leġiżlazzjoni u l-arranġamenti istituzzjonali adottati s'issa mill-UE huma miġbura fil-qosor hawn taħt. L-informazzjoni li ġejja f'din it-taqsimha hija soġġetta għal reviżjoni fid-dawl tal-mira msaħħa. F'konformità mal-proċedura leġiżlattiva tal-UE, l-atti leġiżlattivi kollha huma soġġetti għal konsultazzjoni pubblika, qabel l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew.<br><br>L-arranġamenti ta' governanza, il-mekkaniżmi ta' ppjanar u monitoraġġ huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika u l-Liġi Ewropea dwar il- |

<sup>2</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Persunal SWD (2020)176

<sup>3</sup> <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12265-2030-Climate-Target-Plan/public-consultation>

Klima<sup>4</sup>. Dan jinkludi sistema ta' governanza msaħħa relatata mal-ippjanar, ir-rappurtar u l-monitoraġġ integrati fl-oqsma ta' politika dwar il-klima u l-enerġija, inkluż fir-rigward tal-miri, il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet tal-klima u l-enerġija, u d-dispożizzjonijiet għall-parteċipazzjoni pubblika fuq diversi livelli kif ukoll konsultazzjonijiet pubbliċi li għandhom isiru mill-Istati Membri bi tnejn tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima li jimplementaw il-miri ta' politika tagħhom sal-2030.

Dawn l-atti legali jinkludu klawżoli ta' rieżami skont iċ-ċiklu ta' ħames snin taħt il-Ftehim ta' Pariġi.

L-UE adottat sett komprensiv ta' leġislazzjoni vinkolanti domestika li timplimenta l-aspetti kollha tal-NDC inizjali tal-UE biex jinkiseb tnaqqis ta' mill-inqas 40 % tal-GHG. Il-leġislazzjoni ewlenija hija dik imsemmija fit-Taqsima 3a dwar l-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet, miri vinkolanti għall-Istati Membri u l-LULUCF.

Leġislazzjoni oħra ġiet riveduta u msaħħa biex tikkontribwixxi għall-kisba tal-mira inizjali tal-NDC inkluż id-Direttivi (UE) 2018/2001 u 2018/2002 dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, id-Direttiva (UE) 2018/844 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, ir-Regolamenti (UE) 2019/631 u (UE) 2019/1242 li jstabilixxu standards tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għal karożżi tal-passiġġieri, vetturi kummerċjali ħfief u vetturi heavy-duty ġodda, id-Direttiva (UE) 2019/1161 dwar il-promozzjoni ta' vetturi nodfa u enerġetikament effiċjenti, id-Direttivi (UE) 2018/850, 2018/851 u (UE) 2018/852 li jtejbju l-ġestjoni tal-iskart u jippromwovu ekonomija aktar ċirkolari, u r-Regolament (UE) Nru 517/2014 biex jitnaqqsu l-gassijiet serra fluworurati fl-UE.

---

<sup>4</sup> Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 (Liġi Ewropea dwar il-Klima). COM(2020) 563 (bħalissa għaddejja mill-proċess leġislattiv intern tal-UE)

(ii)	Kwistjonijiet kuntestwali, inkluż, fost oħrajn, kif xieraq:	L-NDC tal-UE jitħejja fil-kuntest tal-impenn tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-prijoritajiet trasversali, kif artikolati f'impenji bħal:
a	Ċirkostanzi nazzjonali, bħall-ġeografija, il-klima, l-ekonomija, l-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar;	<ul style="list-style-type: none"> <li>• il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi<sup>5</sup>;</li> <li>• l-impenn li jinħolqu u jiġu massimizzati sinerġiji bejn id-dimensjonijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-iżvilupp sostenibbli<sup>6</sup>;</li> </ul>
b	L-aħjar Prattiki u esperjenza relatati mat-tnejja tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali;	<ul style="list-style-type: none"> <li>• l-appoġġ tal-UE għall-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indیgeni (UNDRIP)<sup>7</sup>;</li> </ul>
c	Aspirazzjonijiet u prijoritajiet kuntestwali oħra rikonoxxuti mas-sħubija mal-Ftehim ta' Pariġi	<ul style="list-style-type: none"> <li>• l-integrazzjoni tad-dimensjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri mill-Istati Membri fil-pjanijiet u l-istrategġiji nazzjonali tagħhom, skont ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija<sup>8</sup>.</li> </ul>
(b)	Informazzjoni speċifika applikabbli għall-Partijiet, inkluż organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali u l-Istati Membri tagħhom, li jkunu laħqu ftehim li jaġixxu b'mod konġunt skont l-Artikolu 4, paragrafu 2, tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż il-Partijiet li qablu li jaġixxu b'mod konġunt u t-termini tal-ftehim, f'konformità mal-Artikolu 4, paragrafi 16–18, tal-Ftehim ta' Pariġi;	<p>L-UE u l-Istati Membri tagħha b'dan jinnotifikaw is-segretarjat dwar l-intenzjoni li jaġixxu b'mod konġunt skont l-Artikolu 4.2 tal-Ftehim ta' Pariġi skont il-leġislazzjoni li tinsab fit-taqsimha 3(a) hawn fuq, li tiddekrivi kif l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu responsabbli għall-kisba ta' dan l-NDC.</p> <p>L-informazzjoni li ġejja f'din it-taqsimha hija soġġetta għal reviżjoni fid-dawl tal-mira msaħħa.</p> <p>It-tnaqqis rispettiv tal-emissjonijiet fis-seħħ fil-ħin ta' din il-preżentazzjoni huwa kif ġej.</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Skont id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet: L-UE ser tnaqqas l-emissjonijiet tagħha mis-setturi koperti minn din il-leġislazzjoni bi 43 % mil-livelli tal-2005 sal-2030;</li> <li>• Skont ir-Regolament (UE) 2018/842, kull Stat Membru tal-UE ser inaqqas l-</li> </ul>

<sup>5</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020)

<sup>6</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' April 2019, *Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030*

<sup>7</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2017 dwar il-Popli Indیgeni

<sup>8</sup> Regolament (UE) 2018/1999

emissjonijiet tiegħu mis-setturi barra mill-EU ETS mil-livelli tal-2005 sal-2030 f'konformità mal-perċentwal li ġej: il-Belġju 35 %, il-Bulgarija 0 %, ir-Repubblika Ċeka 14 %, id-Danimarka 39 %, il-Ġermanja 38 %, l-Estonja 13 %, l-Irlanda 30 %, il-Greċja 16 %, Spanja 26 %, Franza 37 %, il-Kroazja 7 %, l-Italja 33 %, Ċipru 24 %, il-Latvja 6 %, il-Litwanja 9 %, il-Lussemburgu 40 %, l-Ungerija 7 %, Malta 19 %, in-Netherlands 36 %, l-Awstrija 36 %, il-Polonja 7 %, il-Portugall 17 %, ir-Rumanija 2 %, is-Slovenja 15 %, is-Slovakkja 12 %, il-Finlandja 39 %, l-Iżvezja 40 %.

- Skont ir-Regolament (UE) 2018/841 dwar l-inklużjoni u l-kontabilizzazzjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas tal-UE, għall-perijodi mill-2021 sal-2025 u mill-2026 sal-2030, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ma jaqbżux l-assorbimenti, ikkalkulati bħala s-somma tal-emissjonijiet totali u tal-assorbimenti totali fit-territorju tiegħu fil-kategoriji tal-kontabbiltà tal-art magħduda kollha flimkien, kif kontabilizzati f'konformità ma' dan ir-Regolament.

---

(c) Kif it-tnejn mill-Parti tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha tkun tnebbħet mill-eżiti tar-rendikont globali, f'konformità mal-Artikolu 4, paragrafu 9, tal-Ftehim ta' Pariġi;

Mhux applikabbli peress li r-Rendikont Globali ma seħħx.

(d) Kull Parti li jkollha kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Pariġi li jikkonsisti minn azzjoni ta' adattament u/jew pjanijiet ta' diversifikazzjoni ekonomika li jirriżultaw f'kobenefiċċji ta' mitigazzjoni konsistenti mal-Artikolu 4, paragrafu 7, tal-Ftehim ta' Pariġi għandha tippreżenta informazzjoni dwar:

Mhux applikabbli.

(i) Kif il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-miżuri ta' rispons ġew ikkunsidrati fl-iżvilupp tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali;

(ii) Proġetti, miżuri u attivitajiet speċifiċi li għandhom jiġu implimentati biex jikkontribwixxu għal kobenefiċċji ta' mitigazzjoni, inkluż informazzjoni dwar pjanijiet ta' adattament li jrendu wkoll kobenefiċċji ta' mitigazzjoni, li jistgħu jkopru, iżda mhumiex limitati għal, setturi ewlenin, bħall-enerġija, ir-riżorsi, ir-riżorsi tal-ilma, ir-riżorsi kostali, l-insedjamenti umani u l-ippjanar urban, l-agrikoltura u l-forestrija; u l-azzjonijiet ta' diversifikazzjoni ekonomika, li jistgħu jkopru, iżda mhumiex limitati għal, setturi bħall-manifattura u l-industrija, l-enerġija u l-minjieri, it-trasport u l-komunikazzjoni, il-konstruzzjoni, it-turiżmu, il-proprjetà immobbli, l-agrikoltura u s-sajd

**5 Suppożizzjonijiet u approċċi metodoloġiċi, inkluż dawk għall-istima u l-kontabbiltà tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra antropoġeniċi u, kif xieraq, l-assorbimenti:**

(a) Suppożizzjonijiet u approċċi metodoloġiċi użati għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra antropoġeniċi li jikkorrispondu għall-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tal-Parti, konsistenti mad-deċiżjoni 1/CP.21, paragrafu 31, u l-gwida kontabilistika adottata mis-CMA;

L-approċċ attwali huwa f'konformità mal-metodoloġiji u l-metriċi komuni vvalutati mill-IPCC (ara 5 (d), hawn taħt). Huwa previst li, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, l-approċċ ser ikun f'konformità mal-gwida kontabilistika għall-NDCs li tinsab fl-Anness II tad-deċiżjoni 4/CMA.1.

(b) Suppożizzjonijiet u approċċi metodoloġiċi użati għall-kontabbiltà tal-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri jew strateġiji fil-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali;

Mhux applikabbli. L-NDC tal-UE huwa tnaqqis assolut u mifruq mal-ekonomija kollha tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

(c) Jekk applikabbli, informazzjoni dwar kif il-Parti ser tiegħu kont tal-

Ara 5 (d), hawn taħt.

metodi u l-gwida eżistenti skont il-Konvenzjoni biex jiġu kontabilizzati l-emissjonijiet u l-assorbimenti antropoġeniċi, f'konformità mal-Artikolu 4, paragrafu 14, tal-Ftehim ta' Pariġi, kif xieraq;

(d)	Metodoloġiji u metriċi tal-IPCC użati għall-istima tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra antropoġeniċi;	<b>Metodoloġiji:</b> Linji Gwida tal-2006 tal-IPCC.  <b>Metriċi:</b> Il-Potenzjal ta' Tisħin Globali fuq medda ta' żmien ta' 100 sena f'konformità mal-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC.
(e)	Suppożizzjonijiet, metodoloġiji u approċċi speċifiċi għas-settur, għall-kategorija jew għall-attività, konsistenti mal-gwida tal-IPCC, kif xieraq, inkluż, kif applikabbli:	L-informazzjoni fit-Taqsima 5(e)(i-iii) u 5(f)(i) tirreferi għall-qafas ta' politika fis-seħħ fiż-żmien ta' din il-preżentazzjoni. Din hija soġġetta għal reviżjoni fid-dawl tal-mira msaħħa. Il-qafas ta' politika LULUCF tal-UE jibni fuq il-gwida tal-IPCC, il-prinċipji tal-TACCC u r-regoli kontabilistiċi eżistenti, filwaqt li jaġġornahom u jtejjibhom għall-perijodu mill-2021 sal-2030. Il-qafas ta' politika jidentifika l-emissjonijiet u l-assorbimenti kontabilizzati netti, u hekk jikkontribwixxi għall-għan li jissaħħu l-bjar tal-art netti tal-UE fit-tul.
(i)	Approċċ li jindirizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti sussegwenti minn disturbi naturali fuq artijiet ġestiti;	L-Istati Membri jistgħu jużaw dispożizzjoni għal disturbi naturali fuq art afforestata u art forestali ġestita kif tinsab fl-Artikolu 10 u l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2018/841.
(ii)	Approċċ użat biex jiġu kontabilizzati l-emissjonijiet u l-assorbimenti minn prodotti tal-injam maħsud;	L-UE tuża l-Approċċ ta' Produzzjoni kif definit fil-Linji Gwida tal-IPCC; ara wkoll l-Artikolu 9 u l-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/841.
(iii)	Approċċ użat biex jiġu indirizzati l-effetti tal-istruttura tal-klassi tal-età fil-foresti;	Il-livelli ta' referenza projettati għal Art Forestali Ġestita (Art Forestali li tibqa' Art Forestali) iqisu l-istruttura tal-klassi tal-età tal-foresta sabiex jiġu kontabilizzati l-bidliet fil-prattiki ta' ġestjoni; ara wkoll l-Artikolu 8 u l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/841.
(f)	Suppożizzjonijiet u approċċi metodoloġiċi oħra użati għall-fehim tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali u, jekk applikabbli, l-istima tal-emissjonijiet u l-assorbimenti korrispondenti, inkluż:	Mhux Applikabbli

- (i) Kif jitfasslu l-indikaturi ta' referenza, ix-xenarju/i ta' referenza u/jew il-livell(i) ta' referenza, inkluż, fejn applikabbli, il-livelli ta' referenza speċifiċi għas-settur, għall-kategorija jew għall-attività, inkluż, pereżempju, parametri ewlenin, suppożizzjonijiet, definizzjonijiet, metodoloġiji, sorsi tad-data u mudelli użati;
- L-informazzjoni li ġejja f'din it-taqsimha hija soġġetta għal reviżjoni fid-dawl tal-mira msaħħa.
- Dawn l-elementi tal-approċċ tal-UE ġew żviluppatti f'konformità mal-linji gwida tal-2006 tal-IPCC għall-inventarji tal-GHG; konsistenti mad-deċiżjoni 18/CMA.1
- Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mil-LULUCF issegwi regoli speċifiċi skont il-kategorija ta' kontabbiltà tal-art f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/841. Art Afforestata u Art Deforestata jużaw ix-xenarju ta' referenza żero (kontabbiltà gross-nett). Bur Ġestit, Raba' Ġestita u Art Mistagħdra Ġestita jużaw bħala xenarju ta' referenza l-emissjonijiet medji bejn l-2005 u l-2009 (kontabbiltà nett-nett). Art Forestali Ġestita tuża bħala xenarju ta' referenza Livell ta' Referenza għall-Foresti bbażat fuq il-kontinwazzjoni tal-Prattiki ta' Ġestjoni tal-Foresti bejn l-2000 u l-2009 u filwaqt li jittieħed kont tal-istruttura tal-klassi tal-età tal-foresti, projettata matul il-perijodu ta' konformità. Is-sempliċi preżenza ta' ħażniet tal-karbonju hija eskluża mill-kontabbiltà.
- Kategoriji tal-LULUCF:** Emissjonijiet u assorbimenti li jseħħu fil-kategoriji rrapportati ta' art forestali, bur, raba' u art mistagħdra, inkluż tibdil fl-użu tal-art bejn dawn il-kategoriji, u bejn dawn il-kategoriji u insedjamenti u art oħra.
- Raggruppamenti tal-LULUCF:** Il-bijomassa tal-wiċċ; Il-bijomassa ta' taħt l-art; Il-mifrex; L-injam mejjet; Il-karbonju organiku fil-ħamrija; Il-prodotti tal-injam maħsud.
- (ii) Għall-Partijiet li jkollhom kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali li fihom komponenti mhux ta' gassijiet serra, informazzjoni dwar suppożizzjonijiet u approċċi metodoloġiċi użati fir-rigward ta' dawk il-komponenti, kif applikabbli;
- Mhux applikabbli. L-NDC tal-UE huwa tnaqqis assolut u mifruż mal-ekonomija kollha tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

(iii) Għas-sustanzi b'impatti klimatiċi inklużi fil-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali mhux koperti mil-linji gwida tal-IPCC, informazzjoni dwar kif jiġu stmati s-sustanzi b'impatti klimatiċi;	Mhux applikabbli. L-NDC tal-UE jinkludi biss sustanzi b'impatti klimatiċi koperti mil-linji gwida tal-IPCC (ara t-Taqsima 3 b).
(iv) Aktar informazzjoni teknika, kif meħtieġ;	Mhux applikabbli.
(g) L-intenzjoni li tintuża l-kooperazzjoni volontarja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi, jekk applikabbli.	<p>Il-mira tal-UE ta' tnaqqis <b>nett</b> ta' mill-inqas 55 % sal-2030 għandha tinkiseb permezz ta' miżuri domestiċi biss, mingħajr kontribut minn krediti internazzjonali.</p> <p>In-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein ilhom jipparteċipaw fl-EU ETS mill-2008, u ftehim li jgħaqqad l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE ma' dik Żvizzera daħal fis-seħħ fl-2020. L-UE qed tkompli tesplora l-possibiltajiet li torbot l-EU ETS ma' skemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet maturi u robusti oħra.</p> <p>L-UE ser tikkontabilizza l-kooperazzjoni tagħha ma' dawn il-Partijiet, u ma' kwalunkwe Parti oħra, permezz tal-EU ETS, b'mod konsistenti mal-gwida adottata mis-CMA1 u kwalunkwe gwida ulterjuri maqbula mis-CMA.</p>

**6 Kif il-Parti tikkunsidra li l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha huwa ġust u ambizzjuż fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali tagħha:**

(a) Kif il-Parti tikkunsidra li l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha jkun ġust u ambizzjuż fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali tagħha;	<p>L-NDC imsaħħaħ tal-UE jirrappreżenta progressjoni sinifikanti lil hinn kemm mill-impenn attwali tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 20 % sal-2020 meta mqabbel mal-1990, kif ukoll l-NDC tagħha ppreżentat fi żmien ir-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi. Kemm l-NDC inizjali kif ukoll dan l-aġġornament jeħtieġu tnaqqis tal-emissjonijiet sinifikament ogħla milli kien projettat bħala żamma tal-istatus quo fi żmien l-adozzjoni tagħhom.</p> <p>Dan jiżgura li l-UE tkompli tkun l-ekonomija maġġuri l-aktar effiċjenti fl-użu ta' gassijiet serra.</p>
--	--

L-emissjonijiet fl-Istati Membri tal-UE laħqu l-quċċata tagħhom fl-1979.

Sal-aħħar tal-2019, l-UE u l-Istati Membri tagħha diġà naqqsu l-emissjonijiet tagħhom b'madwar 26 % mil-livelli tal-1990 filwaqt li l-PDG kiber b'aktar minn 64 % matul l-istess perijodu.

B'riżultat ta' dan, l-emissjonijiet medji per capita madwar l-UE u l-Istati Membri tagħha naqsu mill-ekwivalenti fl-1990 ta' 12-il tunnellata ta' CO<sub>2</sub> għall-ekwivalenti ta' 8.3 tunnellati ta' CO<sub>2</sub>. Dan wassal ukoll biex illum l-UE diġà saret l-ekonomija maġġuri l-aktar effiċjenti fl-użu ta' gassijiet serra<sup>9</sup>.

- 
- |       |  |  |
|-------|--|--|
| (b)   | Kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja, inkluż li jirriflettu fuq l-ekwità;         | Ir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar tisħin globali ta' 1.5 C juri li l-perkorsi li jillimitaw it-tisħin għal 1.5 C tipikament jiksbu emissjonijiet netti zero ta' gassijiet serra fil-livell globali fit-tieni nofs ta' dan is-seklu. Dan l-NDC imsaħħaħ huwa skont l-objettiv maqbul tal-UE li tinkiseb UE b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050. Għalhekk, l-UE tikkunsidra li l-NDC imsaħħaħ huwa kontribut ġust lejn il-mira tat-temperatura globali tal-Ftehim ta' Pariġi.[...] |
| <hr/> |  |  |
| (c)   | Kif il-Parti tkun indirizzat l-Artikolu 4, paragrafu 3, tal-Ftehim ta' Pariġi; | B'dan it-tisħiħ, l-NDC tal-UE jirrappreżenta progressjoni ta' ambizzjoni meta mqabbel kemm mal-impenn tagħha għall-2020 kif ukoll mal-preżentazzjoni inizjali tal-NDC tagħha. Ara l-paragrafu 6a   |
| <hr/> |  |  |
| (d)   | Kif il-Parti tkun indirizzat l-Artikolu 4, paragrafu 4, tal-Ftehim ta' Pariġi  | L-UE hija f'konformità ma' din id-dispożizzjoni billi għandha mira assoluta mal-ekonomija kollha   |

---

<sup>9</sup> Id-data storika ppreżentata f'din it-taqsimha tirreferi għat-28 Stat Membru tal-UE sal-1 ta' Frar 2020. Wara l-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, u l-Perijodu ta' Tranżizzjoni li ser jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, il-kontribut tar-Renju Unit għall-mira tal-2020 ser jiġi rrapportat sal-aħħar tal-2020. Is-sejba tal-ekonomija maġġuri l-aktar effiċjenti fl-użu ta' gassijiet serra hija bbażata fuq is-sejbiet (għall-UE28) minn den Elzen *et al.* (2019) L-ekonomija tal-G20 qed jagħmlu biżżejjed progress biex jilħqu l-miri tal-NDC tagħhom? Il-Politika tal-Enerġija 126 <https://doi.org/10.1016/j.enpol.2018.11.027>.

- (e) Kif il-Parti tkun indirizzat l-Artikolu 4, paragrafu 6, tal-Ftehim ta' Pariġi. Mhux applikabbli, peress li applikabbli biss għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti (LDCs) u l-Istati Gżejjer Żgħar Li Qed Jiżviluppaw

**7 Kif il-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tal-Konvenzjoni kif jinsab fl-Artikolu 2 tagħha:**

- (a) Kif il-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tal-Konvenzjoni kif jinsab fl-Artikolu 2 tagħha; L-UE tikkunsidra li l-NDC imsaħħa tagħha huwa skont l-objettiv tal-UNFCCC u l-mira fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi tal-UNFCCC, kif spjegat fil-paragrafi 6a u 6b.
- (b) Kif il-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali jikkontribwixxi għall-Artikolu 2, paragrafu 1(a), u l-Artikolu 4, paragrafu 1, tal-Ftehim ta' Pariġi.
-